

# Ruħ t'Artist

# Aaron Camilleri Cauchi

*Is-Sa Cynthia Gafà B.Ed. (Hons.)*




Bħala parti mill-Festa tar-Rebbiegħa organizzata mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, din is-sena ttellgħet wirja retrospettiva ta' arti sagra tal-artist Aaron Camilleri Cauchi. Proprju fil-Kappella ta' San Franġisk kien hemm miġbura wieħed u għoxrin biċċa xogħol tal-arti ta' dan l-artist. Dawn bexxqulna tieqa għall-vetrina tal-opri artistiċi li huwa jsawwar u fl-istess ħin tawna togħma ta' x'jaf joħloq dan l-artist. Apparti li xeħtu dawl fuq il-ħajja artistika tiegħu, dawn ix-xbihat sagri rriflettew ukoll l-ispiritwalità tal-artist. U kien proprju għalhekk li l-wirja ssemmiet **"Ruħ t'Artist"**.

F'din il-wirja, wieħed seta' jara statwi abbinati ma' żminijiet varji li jżewqu l-kalendarju liturġiku. L-erba' figuri ewlenin li kienu jilqgħu lill-viżitaturi kienu statwi li matul il-jiem ferrieħa tal-festi jkunu qegħdin iżejnu l-pjazez u t-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna – Marija Reġina *(Grupp Armar Marija Assunta – Il-Mosta)*, San Luqa *(Għaqda Każin Banda San Filep – Ħaż-Żebbuġ)*, San Ġużepp *(Soċjetà Mużikali San Ġużepp – Ħal Kirkop))* u l-Imperatur Kostantinu *(Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri – Ħal Qormi)*. Bejniethom kien hemm esebiti sitt disinji li normalment l-artist iħażżeż qabel jibda joħloq opra tal-arti.

Kien hemm ukoll żewġ statwi oħra relatati mal-festi tar-raħal. Dawn iżda kienu akbar fil-qies minħabba li huma magħmulin minn aktar minn personaġġ wieħed u għalhekk, juru episodji ta' ġrajjiet. Statwa minnhom kienet tirrappreżenta l-Glorja ta' Sant' Elena *(Għaqda Armar Sant' Elena – Birkirkara)* filwaqt li l-oħra mqiegħda fiċ-ċentru tal-kappella kienet turi t-Tlugħ




Glorjuż ta' Sidtna Marija fis-Sema *(Għaqda Armar Santa Marija – Ir-Rabat, Għawdex)*. Dawn is-sitt statwi huma magħmulin mill-kartapesta tradizzjonali Maltija u huma ndurati b'folja tad-deheb ta' erbgħa u għoxrin karat – stil sinonimu mal-Artist Aaron Camilleri Cauchi.

Proprju f'din il-wirja, wieħed seta' jilmaħ l-aktar xogħlijiet riċenti relatati mal-Ġimgħa l-Kbira, li Aaron sawwar flimkien ma' missieru Alfred. Dawn kienu ż-żewġ vari artistiċi mnaqqxin fl-injam tal-kawba, li juru lil Ġesù marbut mal-Kolonna u l-Ecce Homo *(Parroċċa Santa Marija – Ħal Għaxaq)*. Opri artistiċi oħra li kienu esebiti f'din il-wirja u huma marbuta mal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu kienu abbozz u tliet statwi minjaturi




ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li nsibu f'diversi lokalitajiet Maltin. Kien hemm ukoll esebit kurċifiss b'bixra pjuttost moderna.

Din l-esebizzjoni ġabret fiha għadd ta' xogħlijiet marbuta ma' żmien il-Milied. Fosthom kien hemm vara kbira li tirrappreżenta n-Nativitá, li Aaron kien ikkummisjonat jaħdem għall-Milied li għadda sabiex tintrama fuq il-presbiterju tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Opra tal-arti oħra relatata mat-tema tan-Nativitá ssawret mill-artist sabiex jirrappreżenta lil Malta fis-Sitt Esebizzjoni Internazzjonali Ewropea tal-Presepji. Dan l-altoriljiev ntgħażel bħala l-aħjar skultura tal-esebizzjoni u rebbaħ lil Aaron l-ewwel premju. Skultura oħra abbinata mal-Milied hija kopja ta' dik li Aaron ħadem u ppreżenta lill-Viċi President l-Onorevoli Mario Mauro sabiex tinżamm ġewwa l-Parlament Ewropew.

Il-wirja **"Ruħ t'Artist"**, li fetħet nhar it-Tnejn 16 ta' April 2012, kienet taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Dott. George Abela, President ta' Malta. Is-serata tal-ftuħ kienet tikkonsisti fi programm konċiż – inqrat il-bijografija tal-artist, il-kuratur tal-wirja n-Nutar Manwel D. Schembri qasam mal-udjenza ħsieb mirqum dwar ir-ruħ tal-artist, il-vjolinista Mario Ciantar daqq żewġ siltiet mużikali sagri u l-President ta' Malta għamel kelmtejn tal-okkażjoni qabel inawgura l-wirja, li mbagħad tbierket mill-W.R. Patri Deo Debono osa.

Dakinhar u matul il-ġimgħa li fiha l-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku, attendew bosta nies – mhux Qriema biss iżda nies minn kull raħal ta' Malta u Għawdex kif ukoll għadd ta' turisti minn kull rokna tad-dinja. Żaru wkoll din l-esebizzjoni diversi mistednin distinti fosthom l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca u għadd ta' Membri Parlamentari.

Minħabba l-attendenza konsiderevoli li żaret il-wirja, kellhom jitwalu l-ħinijiet tal-ftuħ għal tmiem il-ġimgħa u saħansitra l-wirja fetħet ukoll nhar it-Tnejn 23 ta' April – il-jum liturġiku ta' San Ġorġ. Il-viżitaturi kienu jistħajlu l-kappella mibdula f'ġenna u lkoll kellhom kliem ta' tifħir kemm għall-opri artistiċi kif ukoll għall-mod li bih kienet armata l-kappella.

Bħala tifkira tal-okkażjoni, kull min żar il-wirja **"Ruħ t'Artist"** ingħata katalgu dettaljat u illustrat dwar l-artist u l-arti f'Malta b'kontribuzzjonijiet minn Manwel D. Schembri, Prof. Oliver Friggieri u l-Kritiku tal-Arti Dr. Chris Barlow. Il-katalgu kien jinkludi wkoll ritratti u tagħrif dwar il-wieħed u għoxrin opra tal-arti esebita. Dan il-katalgu ma kienx għall-bejgħ iżda minflok inġabru donazzjonijiet b'risq Puttinu Cares. Ta' min jgħid li permezz tal-għotjiet ġenerużi tal-pubbliku, intlaħqet is-somma sabiħa ta' ftit iktar minn €2500, li ġiet ippreżentata lill-Fondazzjoni dakinhar li l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri ngħata ċ-ċertifikat tal-*Guinness World Record* għas-suċċess li kiseb bl-akbar tazza tal-inbid fid-dinja.

Din il-wirja ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna kontinwa tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, b'mod partikolari tas-Sur Natalino Xuereb, koodinatur tal-wirja, kif ukoll ta' bosta membri tal-Kumitat u Sezzjoni Żgħażagħ li ħadmu bla heda għal ħinijiet twal sabiex jintrama kollox sal-inqas dettall. Il-gruppi tal-armar, Soċjetàjiet mużikali u parroċċi li silfu x-xogħlijiet tal-artist kienu wkoll fundamentali biex setgħet tittella' din il-wirja. Fil-fatt, huma ngħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni dakinhar taċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-wirja. Fuq kollox, grazzi kbira tmur għall-pubbliku li għoġbu jżur din l-esebizzjoni għaliex apparti li apprezza d-doni artistiċi tal-artist Aaron Camilleri Cauchi, tqarreb aktar lejn l-arti sagra permezz tax-xbihat esebiti.